*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

**It-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Francis Gilford – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**17.1** ***Qari tal-ittri t'apoloġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Francis Gilford.

**17.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 16 li saret Nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025:***

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hmis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**17.2.2** **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 16 li saret Nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025:**

**17.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sinjura Celine Camilleri staqsiet fuq artiklu nuru 16.3.1 jekk il-Kunsill hux ser jgħamel post fuq facebook sabiex jippromovi l-attivita' tal-Milied u jekk hux ser ikollna poster.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan dejjem isir u ser isir anke din is-sena.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet jekk hux ser nippromovu l-istalls.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fl-ewwel sentejn kienu jsiru dawn it-tip ta adverts sabiex japplikaw għall istalls.

**17.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 16.2.2.2 rigward ir-rubber matting tal-ġnien Pjazza Mifsud Bonnici però jekk dan ser jinbidel kollu daqt minn Infrastructure Malta tajjeb naraw hux ser ngħamluh għaliex nafu li l-Ministeru ser jaqilawh zgur.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm jista jweġġa xi ħadd fil-frattemp.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal ma tgħamilx sens li nbiddluh u nonfqu tant flus għal ftit xhur.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li nistgħu ngħamlu hu li nieħdu 20 biċċa mi-tapit li qed jinqala f'San Tumas u ngħamluhom temporanjament fil-bandli sakemm dan jinbidel min naħa tal-Ministeru.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**17.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 16.3.14, Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ilna għaddejien xi tlett xhur fuq din il-ħofra ġewwa San Tumas viċin iz-Zion, hu qal illi din imtliet u reġgħat niżlet u qal ukoll illi kellem lill Kunsillier is-Sur Francis Gilford u qallu illi kellha terġa issir.

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon qalet illi min-naħa tagħha hi kelmet xi nies min Infrastructure Malta u qalula li ser jieħdu ħsieba.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tinkwetah għaliex kif jgħamel il-maltemp ser tisfronda t-triq kollha.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dawk li kien hemm fi Triq ta' Gidwett u ta' Triq ix xatt għamluhom għalhekk ser tgħaddi minn San Tumas biex tara jekk saritx jekk le ser terġgħa tkellem lill Infrastructure Malta.

**17.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 16.9.1 fejn kien propona li ssir bus shelter fi Triq il-Qaliet, hu qal illi hu mar jiċċekkja u qal illi probabbilment hemm bżonn li issir build out fejn kien waqa l-ħajt ftit il fuq fejn hemm bus stop diġà, għalhekk hu qed jitlob li jsir bus shelter u nkunu qed nsolvu problema għaliex hemm it-triq tidjieq.

Kien hemm qbil li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jgħamel site plan ezatt fej qed jipproponi u napplikaw għaliha.

**17.2.2.5** l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 7 artiklu 16.9.3 jekk saritx l-applikazzjoni għal pedesrian crossing fi Triq Sant Anna.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi qed jistenna l-pjanti mingħand il-Perit biex imbgħad inkunu nistgħu napplikaw.

**17.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 artiklu 16.2.2 u jekk il-kaz hux mgħaluq jew hemmx xi *updates.*

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min mindu bdejna nuzaw il-*whatsapp* jidher li mixjin tajjeb ħafna mal-kuntrattur.

**17.2.7** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 16.3.1 fejn qal illi l-Kunsill applika għal fondi mid-Dipartiment bħal ma jgħamel kull sena għas-somma ta €23,500 pero għal din is-sena d-Dipartiment tal-Kunsill Lokali setgħa jagħti sa massimu ta €13,500 lill-kunsilli lokali. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill hu fid-dover illi jżid 15% ma l-ammont għalhekk il-flus li tawna mhumiex biżżejjed għaliex biss biss id-dawl tal-ġnien jammonta għal €5900 u l-istalls jammontaw għall €5900 fejn flimkien jammontaw għall €11,800. Hu qal illi kellimna lir-Reġjun Nofsinhar u min naħa tagħhom tawna s-somma ta €2000 u l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qed tikkomunika mall-Ministeru tal-Kultura fejn jidher li ser jgħatuna €2000 min-naħa tagħhom. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Sinjorina Jessica Jin ta' Nazzjonalita Ċiniza izda residenta Malta tatna donazzjoni ta €600 u naqqasna l-ispejjez għat total ta' €20 000.

**17.2.8** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 16.3.2 rigward l-għajnuna li talbuna l-Inspire, hu qal illi tkellem mac-CEO mas-Sur Antonello fejn qallu li għad m'għandux il-pjanti kif suppost sabiex jippreżentahom lill-Kunsill, għalhekk is-Sindku s-Sur Mario Calleja infurmah illi nkomplu niddiskutu la darba jkollu l-pjanti f'idejh.

**17.2.9** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 16.3.4 International Band Festival fejn qal illi ser ikun hawn 5 baned fejn waħda minnhom hija tal-Lokal u il-Kunsill ser joħroġ l-ammont ta eur1900 u l-bqija ser jitħallsu mill-Ministeru.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qal illi s-Sur Noel Castillo ħareġ bl-ideja illi l-arbli li għandna fil-ġnien. Jiddendlu magħhom xi pavaljuni li jintużaw fi żmien il-festa. Fil-fatt ġie mitkellem il-President tal-armar Noel Farrugia biex idendel dawn il-pavaljuni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi applikajna mas-Sur Kitcher u s-Sur Kevin Zahra u tkellem mall-Pulizija sabiex jagħlqu Triq ix-Xatt bejn is-6:00pm-7:30pm.

**17.2.10** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 16.3.5 qal illi f'Jum Marsaskala konna tajna rikonoxximent liz-zewg heads tal-iskejjel f'Marsaskala għax xogħol li jagħmlu mall-istudenti tal-Lokal u dakinhar is-Sinjura Jessica Jin kienet qalet illi ser tgħati donazzjoni liz-zewġ skejjel. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi f'laqgħa li saret illum 21 t'ottubru kemm mal-heads kif ukoll mall-Prinċipal tal-iskejjel, is-Sinjura Jessica Jin ppreżentat id-donazzjonijiet ta €800 lil kull skola, għalhekk il-Kunsill din is-sena u anke ta wara franka d-donazzjoni li s-soltu jgħati lill iskejjel ta' Marsaskala. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi apparti min hekk is-Sur George Psaila li hu l-prinċipal tal-iskejjel ingħata Ġieħ Marsaskala.

**17.2.11** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 6 artiklu 16.3.12 fejn qal illi l-Monument ta' San Lazzru sar bi spejjez tal-ordni.

- Fl-uffiċini tal-Kunsill kien hemm preżenti membri tal-Pubbliku li qabel ma attendew l-laqgħa urew ix-xewqa li jiddiskutu mall-Kunsill il-kwistjoni tal-ferry f'Marsaskala għalhekk kien hemm qbil li din issir wara li tintemm il-laqgħa tal-Kunsill.

**17.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**17.3.1** ***<u>Talba għal inkluzjoni toroq fiz-Zoni Turistiċi Triq is-Silla, Triq iċ-Ċervjola, Triq l-Arzell:</u>***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand resident fejn qed jitlob li t-toroq imsemmija jiġu jgħamlu parti mil-lista ta toroq li fis-sajf ma jkunx permessibli li jsir twaqqih u skavar anke peress li hu jopera *holiday appartment* f'waħda minn dawn it-toroq filwaqt li hemm numru sostanzjali ta' nies ohra f'it-toroq msemmija li jikru appartamenti shortlets.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kull resident ma jieħux gost bl-istorbju u allura nistgħu ngħamluha ma Marsaskala kollha.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi dik kieku tkun l-idejali.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma tistax tħallat Triq ix-Xatt ma Triq is-Silla meta qed titkellem fuq zoni turistiċi.

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja qal tajjeb naraw kemm hemm air b&b's f'dawn it-toroq u naraw jekk tikkwalifikax bħala zona turistika.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk twaqqafhom fis-sajf umbagħad ser ikun hemm ħafna aktar skavar fix-xitwa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi darba kien hemm raġel li ried iħott dar bl-idejn fejn staqsejna għal permess però xorta waħda ma tawhx.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal jekk qed jinħarġu permessi għal air b&b's imbgħad ma tistax tapprova li jsir skavar ma jagħmlux sens. Hu qal illi hu jaqbel li jekk hemm konċentrazzjoni ta zviluppi turistiċi ovja fis-sajf ċertu xogħolijiet għandhom jiġu evitati.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kwazi kwazi aħjar nitkellmu mall- MTA fuq din il-kwistjoni.

Kien hemm qbil li naraw kemm hemm air b&b's fit-toroq imsemmija u nipproċedu minn hemm.

**17.3.2** ***<u>Kwotazzjoni dwal tal-Milied fit-Toroq:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ġabar tlett kwotazzjonijiet għat-tizjin ta' Ġnien Sant Anna u tlett kwotazzjonijiet oħra għat tiżjin tad-dwal fit-toroq.

Il-kwotazzjoni li tkoppri Ġnien Sant Anna ser ikun hemm *fairy lights* mall-palm fil- ġnien, għaxar motives fil-ġnien, il-purtiera fil-korsija u l-faċċata tal-Kunsill u l-istalls tal-Milied kif ukoll 3D motive kif tidħol fil-ġnien.

L-offereti kienu:

| | |
|---|---|
| JurGinny Christmas & Street Lights Decorations: | €5900 |
| Jan Grech decorative lights | €7670 |
| Dstreet Lighting | €9676 |

Kien hemm qbil li din il-kwotazzjoni tingħata lill Jurginny Christmas & Lights decorations peress li hu l-irħas offerent.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fit-30 ta' Novembru 2025 jinxtel id-dawl u jintefa fis-6 ta' Jannar 2026

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal il-parti l-oħra tal-kwotazzjoni l-oħra tindika tiżjin fi Triq sant anna, Triq ix xatt, Triq tal-Gardiel u Triq is-Salini.

Kien hemm qbil li din il-kwotazzjoni tingħata lill Jurginny christmas and street lights decorations peresli hu l-irħas offerent.

**17.3.3** **Kwotazzjoni dwal tal-Milied Ġnien Sant Anna:**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal il-parti l-oħra tal-kwotazzjoni l-oħra tindika tiżjin fi Triq sant anna, Triq ix xatt, Triq tal-Gardiel u Triq is-Salini.

L-offerti kienu:

| | |
|---|---|
| JurGinny Christmas & Street Lights Decorations: | €7670 |
| Jan Grech decorative lights | €5900 |
| Dstreet Lighting | €7316 |

Kien hemm qbil li din il-kwotazzjoni tingħata lill Jan Grech decorative lights and street lights decorations peresli hu l-irħas offerent.

**17.3.4** **Laqgħa mal-Ministru Bonett.**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsilliera kienu mistiedna għal laqgħa li saret mall-Ministru Bonett fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fejn kulħadd setgħa jattendi u jistaqsi li jixtieq rigward l-izvilupp propost ghar-rigenerazzjoni ta' Marsaskala.

**17.3.5** **Laqgħa fuq il-fajtata:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri attendew għal laqgħa rigward l-emebllishment fil-fajtata fejn il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kien instrumentali ħafna sabiex seta jgħati pariri u informazzjoni teknika fuq id-dwal li għandhom jintużaw u informazzjoni oħra.

**17.3.4** **Laqgħa mall-Perit Sapiano:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi saret laqgħa mall-Perit Sapiano fejn infurmah illi ser tinbarax Triq Sant Anna fejn hu mar flimkien u Simon Attard sabiex jaraw jekk hemmx xi periklu mill-ħwienet li parti minnhom tinsab taht l-imsemmija triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa meta ser isir ix-xogħol għaliex hemmhekk hemm sprall min Triq l-Iskal għal isfel li jrid jiġi irranġat.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan l-isprall jafu bih u ser jirranġawh.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dak tranġa xi darbtejn u parti minnu tniżżlet igifieri ma tistax tirranġaħ mingħajr ma ssir bażi tajba, hu qal illi kien ser jissuġerixxi hu li jekk ħa jgħalqu it-triq trid issir ħidma tajba mall-kuntrattur u jieħu ħsieb li jgħamel spralli ġodda.

Dr Errol Cutajar staqsa jekk jistgħux isiru tabelli fil-bidu tal-bypass ta Marsaskala min ħaz Zabbar fejn navzaw in-nies bix-xogħolijiet li jkunu qed isiru.

Is- Sindku is-Sur Mario Calleja qal mhux ser tingħalaq il bypass iżda Triq Sant Anna allura mhux ser ikun hemm problemi.

Dr Errol qal illi xorta tajjeb li navzaw lin-nies li ma hemmx aċċess għal area taz- Zonqor.

Kien hemm qbil li ser jiltaqaw is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u jiktbu ittra teknika u tintbaghat lill-Perit u l-Kunsilliera kollha jkunu ikkupjati.

**17.3.5** **<u>Laqgħa ma’ Petar:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa ma Petar Maksimoviċ dak il-persuna li flimkien miegħu għamilna l-monument tal-vapur Franċiz u peress li beda ix-xogħol fil-fajtata u l-monument għadu jsir ġdid infurmajnihom sabiex jgħattuh u ser isirlu anke id-dawl.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi wara l-laqgħa li saret hu mar laqgħa oħra mall-Perit u l-engineer fuq il-post u kien hemm id-diskussjoni fuq il-wifi u jekk għadux bzonnjuz u jidher li ma għadux għaliex kulħadd juża t-3g.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi il-Kunsill qed iħallas ammont sew tal-internet fil-pjazez u l-bandli.

Il-Kunsillier is-Sur Josef Grech qal illi l-Wifi għandna bzonnu ħabba l-cameras xorta waħda.

➢ ***<u>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-7:22pm.</u>***

**17.3.6** **<u>Laqgħa mall-Pulizija:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa hu flimkien mall-Kunsilliera is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba u l-Kunsillier is-Sur John Camilleri mall-Pulizija. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mall-Pulizija għandna rapport tajjeb speċjalment ma ta’ ~~CBD~~ CPT u dejjem sibnijhom meta kellna bżonnhom.

**17.3.8** **<u>Laqgħa ġewwa Ateni.</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja flimkien mall-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri, l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, l-Assistent Prinċipal is-Sinjura Rebecca Micallef u s-Sinjorina Joy Decelis kellhom laqgħa ġewwa Atheni l-Greċja fejn kienet laqgħa tajba ħafna u għamlu ħafna mistoqsijiet għaliex issa ser issir l-AGM ġewwa Malta u din tirrikjedi ħafna xogħol u x-xgħol beda ġmielu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-laqgħa ser issir bejn it-3 u s-6 ta Settembru 2026 f'Jum il-Lokal però għal dik is-sena ma jiġix iċċelebrat ħlif issir quddiesa minħabba l-attivitajiet tal-AGM. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għandu bżonn l-għajnuna tal-Kunsilliera għal dan l-AGM anke permezz ta mezz ta' transport f'kaz li jkun hemm bżonn sabiex nibqgħu fil-budget, hu qal illi applikajna għal fondi SEM (Servizzi Ewropej Malta), tema tal-proġett hi vjolenza dometisika u victim sapport fejn intlaqat tajba ħafna fejn qal illi ikkuntatjaw anke speakers sabiex jitkellmu waqt l-AGM.

**17.4 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**17.5 <u>Rapporti:</u>**

**17.5.1 <u>Rapport finanzjarjau ta' kull kwart (Lulju sa Settembru 2025):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega ir-rapport ta' kull kwart. Is-Segetarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ir-rizultat huwa pozittiv immens għaliex jidher li hemm qliegħ aktar milli mistenni u bħala infiq inqas milli mistenni.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-quarterly report u l-Kunsillier is-Sur Mary rose Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**17.6 <u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

**17.7 <u>Korrispondenza:</u>**

**17.7.1 <u>International Endurance Competition Malta National Team (35/2447/25/I):</u>**

Kien hemm qbil unanimu li nagħtu n-No Objection kif ukoll ninfurmaw lill-kuntrattur tal-lattrini sabiex nzommu l-lattrini miftuħin għal aktar ħin.

**17.8 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

| Supplier | Inv No | Description | Amount |
|---|---|---|---|
| Audio mix | 24477 | Summer carnival fuq is-simenta | €1770.00 |
| The ironmongery | SA311041 | consumables | €15.30 |
| | | | |

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**17.9 <u>Mozzjonijiet:</u>**

**17.9.1 <u>*Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Charlot Mifsud u issekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (Nru 052-1/10/25):*</u>**

*Jipproponi sabiex issir cash barrier Triq il-Bajja faccata ta Triq ta Monita (fejn hemm l-għalqa tal-Knisja).*

Kien hemm qbil unanimu.

**17.9.2** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (Nru 053-14/10/25):***

*Jipproponi sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni mat-TM sabiex tittieħed deċizjoni dwar it-traffic island jew round about ta Triq tal-Gardiel ma Triq id-Daħla ta' San Tumas.*

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Perit tal-Kunsill mar fuq il-post u teknikament ma tistax issir għaliex irid idur scammel magħha jekk mhux ser idur scammel jew tal-linja ma tkunx tista issir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ser jirtira l-mozzjoni għaliex teknikament ma tistax issir skond studju li kien sar mil-Perit tal-kunsill.

**17.9.3** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 054-14/10/25):***

*Jipproponi sabiex il-Kunsill jintervjeni sabiex tinstab soluzzjoni sabiex jitpoġġew il-karrijiet tal-biċċiet tal-baħar fis sajf.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal sa 15-il sena ilu fuq is-simenta kienet saret apposta sabiex jitpoġġew id-dgħajjes u kienet tintuza sajf u xitwa is sena kollha. Il-Kunsill snin ilu ġie fi ftehim mas-sidien tad-dgħajjes li fit-3 xhur tas-sajf jitpoġġew Zonqor u kien hemm qbil fuq dan, pero issa min mindu ħadulhom dik il-biċċa art fiz-Zonqor sabiex għamlu l-arbuxelli u l-bankijiet u dawn is-sidien tad-dgħajjes għandhom problema fej ser ipoġġu l-karrijiet.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dawn għandhom ikollhom boat yard għaliex mhux suppost li jkollok dgħajjsa u m'għandekx fejn tqeda, l-Kunsill dejjem prova jgħin pero fil-mument li ma fadalx post kulħadd għandu jkollu post tiegħu.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi din responsabilita' tagħhom li jkollhom fej iqedu d-dgħajsa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu qiegħed fil-kumitat tal-Għaqda baħħara u sajjieda u hu huma talbu lilna għal għajnuna.

Dr Errol Cutajar qal illi tajjeb li fis-sajf is-simenta tinsab vojta, bħala Kunsill nistgħu nitolbu l-awtorita' tal-artijiet jidentifikawlna sit fejn jistgħu ipoġġu l-karrijiet.

Kien hemm qbil dwar dan.

**17.9.4** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri issekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (Nru 055-14/10/25):***

*Jipproponi sabiex niddiskutu xi punti dwar l-embellishment li ħa jkun qed isir fi Triq ix-Xatt.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-embellishment tajjeb li jsir pero l fatt li l-Kunsill m'għandu l-ebda informazzjoni fuq x'ser isir u hu semma l-punti li jixtieq isaqsi:

. Jekk hux ħa jibidel il-moghod tal- parking u hux ħa jitnaqqas jew jżidu il-postijiet .
2. Jekk hux ħa tkun qedgha toghla l-art biex tiġi indirizzata il-problema tal-ilma fejn jitla l-ilma baħħar fi' pjazza Dun Tarċis u ħdejn il-Bandli.
3. Fejn ħa jsir id-dawl u x'tip ta' dawl ħa jkun installat.
4. Jekk ħux ħa jinkorporaw fix-xoghol u jixhelu is-sitemmi ta' Żebra crossing ta dawn it-toroq.
5. X'Tip ta bankijiet ħa jkunu qed jitwaħlu tull il-costa.

6. Jekk hux ħa jkun hemm xi tip ta' bank fejn ipoġġu in-nies bħal ma kien hemm li jkun jistgha jakkomoda ammont ta nies.
7. Jekk hux possibli tinstab xi soluzzjoni biex jitneħħew l-iskips kbar li-kien hemm.
8. Jekk ġiex ikkordinat ix-xoghol sabiex jerġhu isiru it-toqob tal-arbli tal- festa bħal ma kien hemm.
9. Jekk ġiex ikkordinat ix-xoghol sabiex jerġhu isiru it-toqob ta' lrbli tan nar ta l'art li jsir waqt il-festa.
10. Jekk hux ħa jsiru xi tip ta' drains tal-ilma ghal baħħar ħabba ix-xita ?
11. Jekk ħadux hsieb li jaghmlu electrical supply tas-sea bin.
12. Jekk hux ħa jkunu qed jikkkordinaw biex ikun hemm electrical supply fejn hemm bżonn.
13. X'tip ta' bins ħa jkunu qed jitwaħlu, kif ukoll doggy bins.
14. Jekk hux ħa jkun qedin issiru xi pastijjiet taċ- ċarging ghal vetturi.
15. Meta ħa naraw il-pjanti ghax sissa ma rajna xejn.
16. Jekk hux ħa jkunu qed jaghmlu pjanti u jkunu esebijti ghal publiku bħall ma jsir is-soltu.
17. Jekk hux ħa issir konsultazzjoni mar-residenti tal lokal.
18. Iktar informazzoni dwar it-tbdil fil bandli Mifsud bonnici.

Tqajjem il-punt ukoll jekk hux se jkun hemm xi planters jew xi tip ta' siġar jew Pjanti kif ukoll x'apparat ikun qed jitpoġġa fil- Bandli Mifsud Bonnici u kif ħa jkun propost li għandu jiġi dan il-bandli bħall tqassim ghat tfal ta' eta żghira.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi tal-mistħija li bħala Kunsill bħalissa għadejjien xogħolijiet fi Triq ix-Xatt u ħadd mill-Kunsilliera ma jaf x'inhu jsir.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal il-footprint mhux ser tinbidel u l-iswimming zones mhux ser jintmissu u dan skond x'qal il-Ministru waqt il-laqgħa li kellu magħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta staqsa lill Kuntrattur jekk għandux pjanti qallu li m'għandux.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bħalissa l-kuntrattur qed jaqla l-lanterni tad-dawl, jaqla l-outisde furniture, il-litter bins ser isir refurbishment tal-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici kollu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa allura l-Kunsill ma jistax jara l-pjanti ta x'ser isir hemm għalfejn nitkarbu għalihom?

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal ma jafx għaliex il-Kunsill ma jaf b'xejn.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qed izarmaw kollox u hu dak li jaf.

Is-Sindku qal illi tajjeb nagħmlu laqgħa mall-Perit Massa u nitkellmu miegħu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ezempju tajjeb li jsiru aktar *charging points*.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan ix-xogħol kellux bzonn permess.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal cempillu darba l-Perit Massa biex ikellmu fuq il-bandli u fuq struttura li hemm fil-bandli u qal illi jistgħu jaqilghawa u jitfawa post ieħor. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-problema l-kbira hi li l-baħar irnexxilu jidħol min taht u hemm bzonn li tittranga it-triq għax qed tisfronda u hemm bzonn li jsir piling.

Kien hemm qbil li nibagħtu lill Perit Massa sabiex issir laqgħa miegħu.

**17.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru 2025 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 21 t'Ottubru 2025.

IFFIRMATI

____________

**Josef Grech**
**Segretarju Ezekuttiv**

IFFIRMATI

________________

**Mario Calleja**
**Sindku**